**Ref: Seduta 19_05/08/10 VI** (li tkompliet fis-7/10/10)

# MINUTI TAD-DSATAX-IL SEDUTA

**Id-dsatax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema tkompliet il-Ħamis **7 t'Ottubru, 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv,Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Viċi Sindku:** | **Cyrus Engerer** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina** |
| | **Yves Bobby Cali** |
| | **Sandra Camilleri** |
| | **Edward Cuschieri** |
| | **Martin Debono** |
| | **Nikki Dimech** |
| | **Nicolai Gauci** |
| | **Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Svetlana Cumi** |
| **Ufficjal:** | **Graziella Enriquez** |
| **Skuzat:** | **Julian Galea** |

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Is-seduta bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija b'din l-agenda:



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 18_19/05/10VI
2. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta b`urgenza 29/07/10VI
3. Materji konnessi mal-minuti
4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Tender Servizz ta` Perit
7. Tender ta` Xogħlijiet Żgħar
8. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera
9. Affarijiet Oħra

***<u>Nota</u>: Il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-korrispondenza.***

**<u>4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv</u>**

4.1. Tkompliet id-diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet pendenti ghal *tower cranes* f'dawn is-siti

4.1.1 mill-Perit Christopher Grech ghal applikazzjoni fuq is-sit li jinsab fi 45, Ix-Xatt ta' Tigne

4.1.2 mill-Perit Mark Arrigo ghal applikazzjoni fuq is-sit li jinsab fi 168, Triq it-Torri.

4.1.3 mill-Perit Tano Zammit ghal applikazzjoni fuq is-sit li jinsab fi sit f'George Borg Street.

4.2. Gew imressqa quddiem il-Kunsill ir-risposti mibghuta mill-Perit Grech, mill-Perit Arrigo u l-Perit Zammit.

4.3. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Peri Falzon responsabbli mill-izvilupp tas-sit 27, Stella Maris, fi Triq Dingli.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci dahal ghas-seduta fis-5.50 ta' filghaxija.***

4.4 Is-Sindku tat rendikont ta' dak li kien diskuss waqt il-laqgha informali li kellha mas-Sur Charles Polidano ta' Polidano Group. Qalet li kien diskuss id-dewmien tax-

xoghlijiet li saru f'diversi toroq fost dawn id-dewmien biex tlestit Triq Sant'Enriku. Qalet ukoll li ssemma it-*tower crane* li hemm fi Triq San Pawl.

***Il-Kunsillier Martin Debono dahal ghas-seduta fis-5.55 ta' filghaxija.***

4.5. Tkompliet id-diskussjoni dwar it-tliet applikazzjonijiet ghal *tower* cranes imsemmija f'minuta 4.1.

4.6. Saret diskussjoni dwar applikazzjoni ghal *tower crane* fi Triq Windsor kantuniera ma' Triq Stella Maris quddiem il-Gelateria.

4.7. Is-Sindku pprezentat ittra mingħand l-Avukat Debono li qed jirraprezenta s-sidien ta' Windsor Terrace blokk numru tnejn (2) u li qed jgħid li minħabba illi hemm mandat ta' inibizzjoni biex ma jsirx bini Windsor Terrace blokk numru tnejn (2), it-*tower crane* m'għandux jintrama quddiem din il-blokka.

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-5.56 ta' filghaxija fejn rappreżentant tal-kumpanija Line Construction Ltd kien mistieden jinforma lill-Kunsill fejn se jintrama t-tower crane in kwistjoni.**

**Is-Seduta tkompliet fis-6.05 ta' filghaxija.**

4.8. Il-Kunsill qabel li ghandu jintbaghat il-*contracts manager* biex jieħu ritratti tas-sit ta' fejn se jintrama it-*tower crane*, kif ukoll tintbaghat risposta lill-avukat Debono mill-avukat tal-Kunsill.

4.8. Giet diskussa l-estensjoni ta' permess għal *tower crane* ta' Graham Salt fi Triq Ġuże Howard kantuniera ma' Triq it-Torri li fl-aħħar laqgħa ingħata estensjoni ghall-permess sat-8 t'Ottubru, 2010.

4.9. Is-Sindku qalet li rcivejna ittra minghand is-Sinjura Brenda Giordimaina f'isem Graham Salt li talbet estensjoni tal-permess sal-aħħar ta' Novembru, 2010.

4.10. Il-Viċi Sindku ppropona illi l-permess jiggedded b'gimgha sal-15 t'Ottubru, 2010 u li sa din il-gurnata it-*tower crane* ghandu jizzarma. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur din il-proposta.

4.11. Il-Kunsillier P. Pace qal illi meta jiżżarma it-*tower crane*, il-*contracts manager* ghandu jintbaghat biex jivverifika li ma saritx ħsara. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi dan diġa jsir minħabba li tinżamm garanzija bankarja f'dawn il-każijiet.

4.12. Il-Kunsillier M. Debono qal li l-perit tal-Kunsill ghandu jtina l-parir tieghu.

4.13. Dwar it-talba tal-Perit Chris Grech għal *tower crane* fix-Xatt ta' Tigne, is-Sindku ppropóniet li l-perit tal-Kunsill ghandu jtina l-parir tieghu waqt li l-kuntrattur ghandu jikteb lill-Kunsill u jinfurmah kif se jintrama t-*tower crane* biex ma jintilfux *parking bays*.

4.14. Dwar it-talba tal-permess għat-*tower crane* f'168, Triq it-Torri, il-Kunsillier M. Debono qal li għandu jintaleb il-parir tal-perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet illi għandha tintalab ċertifikazzjoni tal-inġinjier u l-perit tal-kuntrattur dwar is-sigurta tal-iscaffolding, kif ukoll mingħand l-Awtorita' responsabbli mis-Sahha u s-Sigurta. Il-Kunsill qabelb'mod unanimu ma' dan.

***Il-Kunsillier Y. Cali kien skuzat mil-laqgha fis-6.30 ta' filgħaxija.***

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-6.30 ta' filghaxija fejn rappreżentanta ta' Sables D'Olonnes kienet mistiedna titkelllem dwar il-lokalita li maghha ggemellata Tas-Sliema.**

***Il-Kunsillier Nikki Dimech dahal ghas-seduta fis-6.40 ta' filghaxija.***

**Is-Seduta tkompliet fis-6.52 ta' filghaxija.**

4.15. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Ezekuttiv biex tghaddi xi aggornamenti lill-Kunsill kif gej:

4.15.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kitbu lill-Kunsill u nfurmaw li l-ammont ta' Eur5,091.31 li kienu gew mibghuta invoice ghalih in konnesjoni ma' xoghlijiet fi Triq Sant' Enriku kien se jkun *reversed* ghax dan kellu jkun hlas mill-Korporazzjoni favur il-Kunsill.

4.15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li Polidano Group kellu jibghat Credit Memo ghal valur ta' Eur36,000 u b'hekk tkun tista tithassar l-invoice ta' Eur36,000 datata Mejju 2010.

4.15.3 Dawn iz-zewg dokumenti huma annessi ma' dawn il-minuti bhala dokument A u dokument B rispettivament.

4.16. Il-Kunsillier N. Dimech talab li ssir laqgħa tal-Kunsill biex jerga' jigi diskuss ir-rendikont finanzjarju.

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-6.58 ta' filghaxija biex id-Direttur Generali ghal Gvern Lokali jkun jista' jaghti l-parir tieghu dwar procedimenti ta' laqgha *ad hoc*.**

4.17 Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa *ad hoc* għat-22 t'Ottubru, 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija, fil-preżenza tal-*accountant* tal-Kunsill.

4.18 Is-Sindku talbet lis-Segretarju Ezekuttiv biex tkompli taggorna l-Kunsill kif gej:

4.18.1 Dwar il-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ, il-Kunsill kien infurmat illi kien hemm żgħażagħ li wrew interess li jippartecipaw fil-progett.

4.18.2 Dwar Memo 32 mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, il-Kunsill kien infurmat illi rcieva ittra fejn kien qed jigi nfurmat li ghandu jircievi l-aħħar Eur4,500 ghall-asfaltar tal-pari ta' fuq ta' Triq D'Argens.

4.18.3 Dwar Memo 45 toroq permezz ta' PPP, il-Kunsill kien infurmat li l-applikazzjoni ta' Tas-Sliema qed tigi evalwata.

4.18.4 Id-Dipartiment ghal Gvern Lokali baghat korrispondenza fejn informa li kien se jhallas iktar minn Eur818.40 ghall-ispiza biex ikun organizzat il-kors ghat-taghlim tal-Malti bħala lingwa barranija bħala parti minn skema ghal korsijiet ta' *Lifelong Learning.*

4.19. Il-Kunsillier M. Aquilina staqsiet jekk humiex se jsiru l-korsijiet tal-*beading* u tal-*computer for beginners.*

4.20. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi zewg korsijiet ghat-taghlim tal-*beading* jiswew lill-Kunsill Euro560.

4.21. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur l-orgnizzazzjoni tal-kors ghat-taghlim tal-*beading.*

4.22. Il-Kunsillier S Camilleri qallet illi l-applikanti ghal dan il-kors għandhom ikunu mgħarrfa illi dan il-kors jinvolvi spejjeż biex jinxtraw il-*beads.*

4.23. Ġie deċiż illi l-Kunsillier S. Camilleri ghandha tipprepara ittra li għandha tintbaghat lir-residenti li japplikaw għal dan il-kors biex tispjega dan.

4.24. Diskussjoni dwar il-*parking* fi Triq Sant' Enriku bi proposta li jinqaleb il-*parking* min-naha ghall-ohra tat-triq. Gie deciz li jintalab il-parir tal-perit tal-Kunsill.

4.25. Dwar id-diskussjoni fis-seduta tal-Kunsill precedenti fejn is-Segretarju Ezekuttiv intalbet tikteb lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv Althea Borg, lill-Kunsillier Nikki Dimech u lil sid il-ħanut minn fejn inxtara l-computer/hardware f'Marzu u April, is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dawn l-ittri ma ntbagħtux għaliex il-Kunsillier Y. Cali rritorna zewg laptops Apple fit-30 ta' Settembru.

4.26. Is-Sindku qalet illi dawn il-laptops ġew ritornati minghajr *power supply* u mingħajr *hard disk*.

4.27. Il-Kunsillier M. Debono qal li dawn kienu qiegħdin jintużaw minnu għall-proġett tar-Residential Parking Zones u mill-Kunsillier Y. Cali għall-*magazine* tal-Kunsill. Il-Kunsillier Debono qal illi l-*hard disk* taz-zewg *laptops* kienet inxtrat minnhom personalment, u ghalhekk ġew irritornati mingħajrha.

4.28. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet illi waqt diskussjoni dwar dan is-suġġett fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsillier Y. Cali ghalkemm prezenti ghad-diskussjoni ma semma xejn dwar dawn il-*laptops*.

4.29. Il-Kunsillier N. Dimech qal illi hu ghandu *laptop* tal-Kunsill fil-pussess tiegħu izda mhux se jirritornah qabel jiġi mħallas tas-safra għall-*Covenant of Mayors*.

4.30. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi dan il-pagament għadu qiegħed jiġi investigat wara korrispondenza li rcevit mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali.

4.31. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-Kunsill jekk iridx japprova li l-Kunsillier N. Dimech iżomm dan il-*laptop*.

4.32. Il-Kunsillier N. Dimech qal li se jirritorna l-*laptop* l-għada tal-laqgha.

***Il-Kunsillier N. Dimech hareg mil-laqgha fis-7.21 ta' filghaxija.***

4.33. Saret diskussjoni dwar l-organizzazzjoni ghal attivita ghall-Milied.

4.33.1. Is-Sindku qalet illi l-Kunsill applika ghal fondi permezz ta' Memo 95 tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali biex tkun tista ssir attivita ghall-Milied.

4.33.2. Is-Sindku pproponit illi l-ativita tibda mill-Ġimgħa 17 ta' Diċembru, 2010 sal-Ħadd 19 ta' Diċembru, 2010.

7

4.33.3. Is-Sindku preżentat programm tentattiv għall-approvazzjoni (anness Doc 'C').

4.33.4. Is-Sindku spjegat ukoll illi kellha laqgħat mas-*Sliema Business Community* u mal-*General Manager* ta' *Tigne Point* dwar it-tizjin fit-toroq fejn il-ħwienet qed jintalbu biex bħas-snin precedenti joħorgu Eur100 kull wieħed.

4.33.5. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet illi l-Kunsill għandu jqabbad *organiser.*

4.33.6. Is-Sindku qalet li m'hemmx bżonn ta' *organiser* għax il-Kunsill jista' jieħu ħsieb tal-organizzazzjoni ta' din l-attivita.

4.33.7. Is-Sindku spjegat illi kellha laqgħat ma' diversi organizzazzjonijiet biex jippartecipaw f'din l-attivita, fost dawn, il-baned ta' Tas-Sliema, is-Salesjani, il-komunita Anglikana, u Dott. Henri Diacono mis-*Sliema Cultural Society.*

4.33.8. Il-Kunsillier N. Gauci tenna illi l-kantanti u l-korijiet li jigu mqabbda għal din l-attivita' ikunu kemm jista' jkun minn Tas-Sliema.

4.34. Ġie deċiż illi l-applikazzjoni tiġi mimlija u jintbagħat il-programm li kien proponut u anness mal-minuti.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci ħareġ mis-seduta fit-7.45 ta' filgħaxija.***

4.35. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Michael Borg li joqghod fi Triq Sant' Enriku fejn qed jitlob li l-Kunsill biex iħallaslu l-ispejjez li għamel biex biddel l-għatba tiegħu wara li ġiet imkissra mill-ħaddiema ta' *Polidano Group*, u spjega illi l-Kunsillier N. Dimech, li dak iż-żmien kien Sindku, kien qallu biex jirranga l-ħsara hu u jibgħat il-kont lill-Kunsill.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci rega daħal għas-sedut fit-7.50 ta' filgħaxija.***

4.36. Saret diskussjoni dwar ir-residents parking scheme

4.36.1 Il-Kunsillier M. Debono qal illi l-Kunsill għandu jimplimenta din l-iskema mill-iktar fiss.

4.36.2 Il-Kunsillier Debono spjega illi kienu saru diversi laqgħat ma' diversi entitajiet, inklużi Ministeri, *MEPA* u *Transport Malta*, u li l-unika żewġ siti għal parkeġġ huma fi Triq Bisazza li jesa madwar 150 karozza u fi Triq it-Torri fejn kien hemm l-eks *Regina Hotel.*

4.36.3 Il-Kunsillier Debono qal li s-sid tas-sit tal-eks-*Regina Hotel* ma jridx jibni car park pero fadallu madwar sentejn biex jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni, u nel frattemp is-sit miftuħ jista' jintuza bħala parkeġġ għall-impjegati tal-ħwienet kontra ħlas minimu.

4.37 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiltaqa' maż-żewġ sidien.

***Il-Kunsillier Edward Cuschieri kien skuzat hu hareġ mis-seduta fit-20.02 ta' filghaxija.***

4.38. Il-Kunsillier M. Debono saqsa jekk hux se jsir ir-*refurbishment* tal-uffiċċju tal-Kunsill.

4.39. Is-Sindku qalet illi l-ewwel prijorita ghandhom ikunu t-toroq u l-bankini, izda li l-possibilta li jsir ir-*refurbishment* tista tkun ikkunsidrata aktar 'l-quddiem.

***Il-Kunsillier Nicolai Gauci kien skuzat hu hareġ mis-seduta fit-20.05 ta' filghaxija.***

4.40. Il-Kunsillier P. Pace qal li għandhom jinbiddlu żewġ ismijiet ta' toroq f'Tas-Sliema li jissemmew wahda għan-Nutar George Bonello Dupuis u ohra għall-Profs. Guido Demarco, għandha tintalab il-proċedura neċessarja.

4.41. Il-Kunsillier M. Debono ppropona illi l-*pedestrian crossing* li qiegħda l-iżjed viċin tax-*Sharella Home*, Ix-Xatt, tiġi eżatt quddiem din id-dar minħabba illi f'din id-dar jgħixu ħafna anzjani. Il-Kunsillier S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur u ghandha tintbagħat ittra għall-approvazzjoni lit-*Transport Malta.*

4.42. Il-Kunsillier M. Debono qal illi l-ħwienet tax-Xatt bejn l-*Isquare Deal* u l-*Waterfront*, qegħdin jingiebu permessi mill-MEPA u d-Dipartiment tal-Artijiet biex jestendu l-bankina u jagħmlu mwejjed u siġġijiet fuqha, konsegwentement il-bankina qiegħda fi stat hażin hafna għaliex hemm postijiet fejn hi dejqa u postijiet oħra fejn hi wiesgħa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu illi ghandu jkun infurmat il-perit tal-Kunsill.

4.43. Is-Sindku qalet illi hija infurmata li ghandu jsir l-asfaltar mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fi Trejqet ir-Regina Vittorja, Triq Sir A Mercieca, Triq Don Mikiel Rua u Triq Ġuze Howard.

4.44. Is-Sindku infurmat il-Kunsill li hemm bzonn toħroġ sejħa għall-offerti biex jinxtaw boroż tat-tarmac u materjal relatat ghall-mili ta' hofor fit-toroq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

4.45. Is-Sindku resqet talba tas-Segretarju Eżekuttiv biex tattendi ghal tahrig barra minn Malta u konferenza internazzjonali fi Strasbourg għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, bejn is-28 ta' Ottubru u l-31 ta' Ottubru, 2010. Spjegat illi l-ASKLM se tissponserja Eur 300, waat li l-Kunsill kellu johrog l-ispejjez ghal vjagg tal-ajru u iehor bit-train li jammontaw ghal madwar Eur400. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għal din il-konferenza.

4.46. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-impjegata Althea Borg ressqet talba sabiex issir kunsiderazzjoni tal-hinijet tax-xoghol taghha peress li xtaqet tapplika ghal flexitime cioe li tahdem mis-7 ta' filghodu sal-4 ta' filghaxija minflok mit-8ta' filghodu sal-5 ta' filghaxija. Il-Kunsill qabel unanimament, sakemm ma jkunx hemm xkiel ghal-hidma tal-Kunsill.

4.47. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-impjegat Daniel Micallef talab illi meta jkun hemm il-bżonn li jsir xi *overtime* dan ikun jista' jsir filghodu mis-7 sat- 07.45 ta' filghodu. Il-Kunsill qabel unanimament sakemm l-overtime jkun ikkontrollat.

4.48. Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet illi l-ħinijiet tax-xitwa tas-*circular bus* tal-Kunsill jinbiddlu kif ġej:

4.48.1 Fit-8 ta' filgħodu minflok fit-8.30 ta' filgħodu

4.48.2 Fit-9 ta' filgħodu minflok fit-9.30 ta' filgħodu

4.48.3 Fis-7 ta' filgħaxija minflok fit-6.30 ta' filgħaxija

4.48.4 Li tiġi introdotta rotta oħra fil-11.30 ta' filgħodu.

4.49 Il-Kunsill qabel b' mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier S. Camillieri.

Is-seduta kienet aggornata mis-Sindku fid-8.50 ta' filgħaxija għat-22 ta' Ottubru, 2010.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**